MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 113/2003

**Francis Farrugia**

**vs**

**Michael Mercieca**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Tordna lill-konvenut ihallas lill-attur mija u wiehed u hamsin lira u sebghin centezmu (Lm151.70) rappresentanti danni sofferti mill-attur in konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku bejn il-vetturi Wolkswagen Golf bin-numru ta’ registrazzjoni AAP 929 misjuqa minn Joseph Farrugia u l-coach Leyland numru ta’ registrazzjoni FBY 068 misjuqa mill-konvenut u appartenenti lil Marjanu Farrugia fi Triq Xlendi limiti Munxar, Ghawdex fil-10.45 ta’ fil-ghodu fit-tnejn u ghoxrin ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlieta (22.3.2003) ghall-liema

incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolament tat-traffiku.

BL-ISPEJJEZ, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali lill-kumpanija assiguratrici Omnibus li qed issir ghal kull fini u effett tal-ligi; bl-imghaxijiet u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni kompetenti lill-attur skond il-Ligi;

IL-KONVENUT ingunt ghas-subizzjoni."

Ra li ghall-avviz tat-talba l-konenut ma pprezenta l-ebda risposta.

Ra l-verbal tal-24 t'Ottubru 2003 li permezz tieghu il-partijiet qablu li din il-kawza tinstama' kontestwalment mal-kawza quddiem dan it-Tribunal li ggib l-avviz numru 89/03 fl-ismijiet Mariano Farrugia vs Joseph Farrugia

Ikkunsidra:

Illi mis-sentenza fil-kawza fuq imsemmija, moghtija llum stess, jirrizulta li ghall-incident de quo jahti unikament il-konvenut f'din il-kawza Michael Mercieca, u dan ghar-ragunijet ivi esposti li m'hemmx ghalfejn jerghu jigu ripetuti hawnhekk.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni reklamati.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jsib lill-konvenut unikament hati ghall-incident imsemmi fl-avviz tat-talba u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' LM151.70 ammont ta' danni subiti b'konsegwenza tal-istess incident, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba u bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------